Minuti tal-laqgħa numru tnejn u sittin (62) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li nzammet nhar l-20 ta' Novembru 2023 fil-5:30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Is-Sur David Schembri | Sindku |
| | Is-Sur Patrick Bugeja | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Charles Zerafa | Kunsillier |
| | Is-Sa Marion Parnis | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv |

Is-Sindku, is-Sur David Schembri ippresjeda l-laqgħa u l-membri qalu t-talba tal-bidu flimkien.

| | | |
|---|---|---|
| 62.01 | **Qari tal-itti ta' apoloġija**<br>Is-Sindku, is-Sur David Schembri informa lill-membri illi is-Sur Daniel Farrugia talab biex ikun skuzat kif fil-fatt kien. Qal ukoll illi s-Sa Marion Parnis se tkun magħna aktar tard. Għaldaqstant fil-bidu tal-laqgħa kienu prezenti is-Sindku, is-Sur David Schembri, is-Sur Patrick Bugeja u s-Sur Charles Zerafa. | Apoloġiji |
| 62.02 | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti numru wieħed u sittin (61)**<br>Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu meħuda b'moqrija u dawn kienu imressqa għall-vot b'korrezzjoni zgħira f'61.03.09 wara l-kelma 'trakkijiet' biex iddaħħlu l-kelmiet 'waqt li jkunu qed isiru x-xogħlijiet'. Dawn kienu imressqa mis-Sindku, is-Sur David Schembri u ssekondati mis-Sur Charles Zerafa u dawn ġew approvati unanimament.<br><br>Is-Sur Charles Zerafa semma' illi hemm bzonn issir korrezzjoni fil-minuti tas-seduta ta' Settembru għaliex hemm xi kliem li tħallew hemm u ma jagħmlux sens f'60.07 | Minuti |
| 62.03 | **Komunikazzjoni mis-Sindku** | |
| 62.03.01 | Għall-pussess tal-Kappillan tal-Qrendi, il-Kunsill Lokali tal-Qrendi se jingħaqad mal-komunità nhar is-17 ta' Diċembru 2023 filgħodu u l-KLQ se jkun qed jagħti voucher ta' €500 bħala apprezzament tal-ħidma li għamel fostna fl-erba' snin li għaddew bħala amministratur fejn seħħew diversi proġetti flimkien miegħu u wkoll biex jawguralu aktar ħidma fejjieda. | Pussess tal-Kappillan |
| 62.03.02 | Bħala turija ta' apprezzament f'għeluq is-70 sena ta' Profs Dun Manwel Agius, il-Kunsill se jkun qed jixtrilu ikona mhux biss biex jirringrazzjah tal-ħidma tiegħu favur il-lokalità izda wkoll biex jawguralu f'dan l-anniversarju tant sabih. | Għeluq is-70 sena |

| | | |
|---|---|---|
| 62.03.03 | Is-Sindku, informa lill-kunsillieri illi attendejna l-laqgħa dwar mobility & sustainable organizzata mill-AKL u TM nhar it-2 ta' Novembru | Mobility & Sustainability |
| 62.03.04 | Is-Sur David Scembri informa lill-membri li kellu laqgħa mal-Perit Lawrence Buttigieg dwar id-dizinn tal-pavimentar tal-Pjazza tal-Ħniena. | Pavimentar tal-Ħniena. |
| 62.03.05 | Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi kien ipprezentat mill-Pink Box mir-Reġjun Punent. Kaxxa oħra simili kienet ipprezentata lill-Iskola Hellen Keller. | Pink Box |
| 62.03.06 | Is-Sindku, is-Sur David Schembri kellu zjara fl-Ungerija li kienet organizzata mil-Gal Xlokk bejn is-7-9 ta' Novembru. | Zjara fl-Ungerija |
| 62.03.07 | Fil-11 ta' Novembru saret iċ-ċerimonja tal-għeluq it-30 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali ġewwa Dar il-Mediterran għall-Konferenzi. | 30 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali |
| 62.03.08 | Fit-13 ta' Novembru, is-Sindku, is-Sur David Schembri attenda għall-Green Flag & Sustainable Mobility Award tan-Nature Trust u fl-istess ġurnata kien hemm it-tnedija tad-dokument dwar Shared Transport Sustainable Mobility tal-AKL | Green Flag |
| 62.03.09 | Fl-14 ta' Novembru is-Sindku attenda għall-laqgħa tan-National Commission of People Equality u fl-istess jum għall-konferenza stampa organizzata mill-Ministeru Gvern Lokali dwar lokalitajiet aktar sikuri fejn il-Kunsill se jkun qed iwaħħal cctv cameras. | NCPE |
| 62.03.10 | Fis-16 ta' Novembru il-Kunsill ipparteċipa fl-inizjattiva MOVE mill-iskola Hellen Keller fejn kien hemm il-promozzjoni tal-uzu tar-roti kif ukoll ilqajna fostna l-Qrendi diversi Slimizi li kienu fostna fuq tour kulturali. Fl-istess jum is-Sindku kien fil-programm Indigo fuq it-TV biex jippromwovi il-wirja tal-arti li kienet organizzata mil-Kunsill bil-ko-operazzjoni tar-Reġjun Punent kif ukoll fl-AGM tal-GAL Xlokk. | MOVE |
| 62.03.11 | Laqgħa oħra inzammet ma' Infrastruttura Malta fejn din issa irrizultat fi Grant<br>Agreement li irċevejna u ffirmajna biex dawn jagħmlulna it-Triq tal-Karwija u parti mit-triq tal-Kappella tal-Ħniena. Dwar din tal-aħħar irridu nikkomunikaw magħhom għaliex ezattament quddiem il-Kappella se jsir pavimentar u mhux qatran u se nitolbu li l-cost savings imorru f'parti oħra tan-network tat-toroq rurali fl-istess zona. | Grant Agreement Triq il-Karwija u tal-Ħniena |
| 62.03.12 | Fit-18 ta' Novembru kienet inawgurata il-Wirja ta' Pittura – Evergreen. Is-Sindku irringrazzja lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv, lil-Prinċipal, is-Sa Stephania Grixti u lis-Sur Martin Formosa tal-Pastel Society. Kien hemm problema għaliex l-inviti ma waslux fil-ħin anke tal-VIPs li ovjament kienu skuzati. | Esebizzjoni EverGreen |
| 62.03.13 | Is-Sindku, is-Sur David Schembri informa lill-Kunsill illi kellu laqgħa ma' Infrastructure Malta u tawna site plan fuq is-sigurtà fi Triq it-Tempesta fejn kienet esebita lill-kunsillieri mis-Sindku stess. Għalkemm din hija draft, il-mizuri jinkludu rumble sticks, raised sleeping policeman ecc | Sigurtà fi Triq it-Tempesta |
| 62.03.14 | Is-Sindku, is-Sur David Schembri informa lill-kunsillieri illi kellmuh minn Infrastructure malta fuq it-tpoġġija ta' bandli f'Wied iz-Zurrieq, propju fejn jidhol il-bowser biex ibattal il-fossa. Hu qal illi dawn flimkien | Bandli f'Wied iz-Zurrieq |

| | | |
|---|---|---|
| | mal-Awtorità Maltija tat-Turizmu, illokalizzaw il-post wara l-ħajt magħruf tal-bugħaddasa. | |
| 62.03.16 | Is-Sindku, is-Sur David Schembri tkellem fuq id-dizinn (pattern) tal-pavimentar tal-Pjazza tal-Ħniena. Hu qal li jinsab f'kuntatt mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet dwar dan. Fuq kollox qed nistennew biex il-perit itina d-dizinn finali. | Pattern għal pavimentar tal-Ħniena |
| 62.03.16 | L-istedina imressqa mis-Sindku, għar-Reġjun Punent biex ningħataw €100 f'kotba għall-iskola kienet milqugħa tajjeb biex dawn jitpoġġew fil-librerija tal-klassi. Kienu awtorizzata wkoll €20 għal Jum il-Premjazzjoni. Il-Kunsill ta merħba wkoll lill-Kap tal-Iskola l-ġdida li llum kien l-ewwel jum tagħha fostna u ingħaqdet magħna fl-okkazjoni tal-ftuħ tal-Ġnejnet Nikol Aquilina fejn attendew l-Onor Owen Bonnici u anke l-Onor Miriam Dalli. | Kotba u<br><br>Gnien Nikol Aquilina |
| 62.03.17 | Kienet milqugħa t-talba mressqa mis-Sindku biex tliet studenti tal-Community Work imiddu jdejhom għax-xogħol. Tnejn minnhom se jkunu qed jakkumpanjaw fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-esebizzjoni u wieħed minnhom se jkun qed jassisti fuq il-website tal-Kunsill biex jillinkjaha ma' websites oħra foshom tar-Reġjun Punent. | Community work - MCAST |
| 62.03.18 | Is-Sindku, is-Sur David Schembri informa lill-kunsillieri illi x-xogħlijiet tal-pavimentar tal-isqaqien kellhom jibdew illum u issa se jibda għada minn dak ta' biswit il-Kazin tal-PL fi Triq il-Knisja. | Pavimentar ta' sqaqien |
| 62.03.19 | Is-Sur Patrick Bugeja staqsa fuq Triq il-Ġwiewel. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi issa jidher li hemm diffikultà li telgħet sal-Qrati ta' Malta bejn min għandu l-barriera u l-għelieqi minħabba li se jinġabar f'għadira l-ilma tax-xita li m'hemmx fejn jiskula. | Triq il-Ġwiewel |
| 62.03.15 | Is-Sindku talab lis-Sur Charles Zerafa biex jaġġornana dwar il-mobile application. Hu qal illi kien irrangat l-izball li kien hemm u se jkompli jsegwi l-perkors tax-xogħlijiet. | Mobile App |
| 62.03.16 | L-ikla tal-Kunsill kien deċiz li ssir nhar it-12 ta' Jannar 2024 | Ikla tal-Kunsill |
| 62.04 | **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**<br>Ma kienx hemm | Mistoqsijiet |
| 62.05 | **Laqgħa Pubblika tal-lokalità**<br>Kien deċiz illi l-laqgħa tal-lokalità tkun imsejħa għat-18 ta' Diċembru 2023 fil-5:30pm u ezattament wara ssegwi l-laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi. | Laqgħa tal-lokalità |
| 62.06 | **Estimi Finanzjarji 2024 - Prijoritajiet tal-lokalità**<br>Kien konfermat illi fl-Estimi Finanzjarji se jkun hemm għas-sena 2024 zewġ kuntratti kbar li huma l-playing field kif ukoll it-tkomplija taċ-Ċentru Ċiviku. Madankollu se naraw x'inhuma l-prijoritajiet tar-residenti skont il-punti li se jqumu fil-laqgħa pubblika tal-lokalità. | Estimi Finanzjarji 2024 |
| 62.07 | **Jum il-Qrendi 2024** | Jum il-Qrendi |

| | | |
|---|---|---|
| | Is-sejħa għan-nominazzjonijiet ta' Jum il-Qrendi 2023, se ssir bħas-soltu fil-bidu ta' Diċembru 2023 u din se tkun tagħlaq fl-aħħar ta' Diċembru 2023. Dan bħas-soltu se jkun qed jinħareġ invit biex il-membri tal-kazini jservu fuq il-bord ta' evalwazzjoni. | |
| 62.08 | **PA/06976/21 - Barriera Ex SM22, Ix-Xagħri l-Imqalleb, limiti tal-Imqabba**<br><br>Kien hemm mozzjoni ta' bdil ta' xogħol l-agenda. Din ġiet imressqa mis-Sur Patrick Bugeja biex dan l-item ikun diskuss kif tiġi s-Sa Marion Parnis. Is-Sa Marion Parnis daħlet fis-6:05 u kien deċiz dan li ġej.<br><br>- Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi joħroġ sejħa li tkun qed tirreklama il-protesta paċifika li se tkun organizzata nhar il-Ħadd, 26 ta' Novembru fl-10:00am minn quddiem il-Knisja Parrokkjali sal-Knisja ta' San Mattew tal-Maqluba.<br><br>- Ningħaqdu mal-Kunsill Lokali tal-Imqabba u navzaw li qed nilqgħu firem tal-petizzjoni kontra l-impjanti tat-tarmac u tal-konkos<br>Fuq kollox il-Kunsill Lokali tal-Qrendi qed joġġezzjoni għax ir-riħ se jkaxkar fuq l-abitat it-trabijiet u d-dħaħen tossiċi, dawn huma biss bogħod 300m mil-batterija tat-tiġieġ. Id-duħħan u t-trabijiet se jaffettwaw l-effiċjenza tas-solar farm u hemm issue ta' road safety f'triq daqshekk dejqa qalb ir-residenti.<br><br>Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal li l-oġġezzjoni li daħħalna bħala Kunsill u wkoll fuq inizjattiva tiegħu ma ġietx aċċettata mill-Awtorità tal-Ippjanar għax daħlet wara l-cut off date peress li ma konniex nafu biha. Hu kompla jgħid illi kien hawn xi residenti u qassmu 3000 flyer fil Qrendi, z-Zurrieq u l-Imqabba biex in-nies tkun konxja ta' dan li qed jiġri u issa għal-laqgħa li se ssir fl-Awtorità tal-Ippjanar nhar l-4 ta' Diċembru se naraw jekk hux kulħadd hu mistieden. | Batching/ Tarmac Plant |
| 62.09 | **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti SCH 01 (23/10/23–20/11/23) u SCH 187 (Ref: AA/10-1)**<br>L-iskedi tal-pagamenti SCH 01 (23/10/23–20/11/23) u SCH 187 (Ref: AA/10-1) kienu approvati u ffirmati għajr il-kont tal-Arms li jappartjeni l-ilma tat-turf tar-roundabout ta' Ħaġar Qim fi Triq it-Tempesta, li se tintalab klarifika fuqu. Charles Zerafa tkellem dwar il-pump room u cioè dwar il-kont ta' €5,000. Dan wara li kienet saret revizjoni għaliex tħassar il-meter. | Skedi tal-pagamenti. |
| 62.10 | **Appuntar ta' evalwaturi – Offerta Pubblika għat-twaħħil ta' pavimentar, għamara tal-ġonna u tal-bandli**<br>Kien deċiz illi jinzammu l-membri li s-soltu jevawlaw it-tenders għaliex dawn għandhom prattika kif juzaw is-sistema tal-e-tenders u kemm-il darba jkunu jinħtieġu parir jew klarifika teknika minn Perit, se nkunu qed inqabbdu lis-Sur Kevin Borg biex jiggwidana hu. | Bandli |
| 62.11 | **Għazla ta' evalwaturi – Offerta Pubblika għall-finishings taċ-Ċentru Ċiviku**<br>Kien deċiz illi jinzammu l-membri li s-soltu jevawlaw it-tenders għaliex dawn għandhom prattika kif juzaw is-sistema tal-e-tenders u kemm-il | Ċentru Ċiviku |

| | | |
|---|---|---|
| | darba jkunu jinħtieġu parir jew klarifika teknika minn Perit, se nkunu qed inqabbdu lis-Sur Kevin Borg biex jiggwidana hu. Intant il-kunsillieri kienu nfurmati illi nhar is-Sibt, 11 ta' Novembru, 2023 fil-11:00 saret vizita mis-Sur Kevin Borg kif skedata fid-dokument tal-offerta biex jekk hemm xi bidder li xtaq jara ċ-Ċentru Ċiviku, seta' jagħmel dan. | |
| 62.12 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss<br>Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm u dik li jmiss se ssir fit-18 ta' Diċembru 2023 fil-5:30pm. | Aġġornament |

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 18 ta' Diċembru 2023 minn David Schembri

Deputat Segretarju Ezekuttiv Sindku